MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 15/2013

**John Vella [K.I. 28063G]**

**Vs**

**Laurence Borg [K.I. 16175G]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mir-rikorrenti fis-6 ta' Mejju, 2013** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin euro [€1,025] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin euro (€1025) rappresentanti hlas dovut ghal xoghol ta' tiswija u spraying ta' diversi vetturi f'diversi okkazzjonijiet.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti.Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.Bl-ispejjes ta' din il-procedura u dawk tal-ittra ufficjali bil-procedura tal-artikolu 166A pprezentata fit-12 ta' April 2013, u bl-imghaxijiet legali kollox kontra l-konvenut".

Ra **r-risposta tal-intimat** mressqa fil-18 ta' Gunju, 2013 u li permezz taghha gie eccepiet hekk:

"Illi l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lil attur, stante illi kull hlas li kien dovut thallas.

Illi jidher illi l-attur qed jivvinta kontijiet inezistenti biex jivvessa lil konvenut.

Illi huwa l-konvenut li ghandu jiehu minn ghand l-attur".

Ra **l-kontro-talba** mressqa mill-konvenut u li permezz taghha talab il-hlas, minghand ir-rikorrenti, tas-somma ta' tlett mitt euro [€300] u dan wara li ppremetta hekk:

"L-attur ghandu jigi kkundannat ihallas lil konvenut is-somma ta' tlett mitt euro (€300) kera ta' apparat tal-brixx u vacum"

Ra **r-risposta tar-rikorrenti ghall-kontro-talba ta' l-intimat** mressqa fil-3 ta' Lulju, 2013 u li permezz taghha gie eccepiet hekk:

"Illi b'mod preliminari huwa sottomess li f'dan il-kaz ma jezistux l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex setghet issir kontro-talba u ghalhekk il-procedura adottata minn Lawrence Borg hija f'dan il-kaz irritwali. Dana bil-konsegwenza li hija ma tistax tigi kkunsidrata minn dan it-Tribunal.

Illi fil-mertu, huwa sottomess li l-esponenti ma kera l-ebda apparat ta' brix minghand Lawrence Borg.

Illi konsegwentement it-talbiet rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

Illi huwa wkoll evidenti li Lawrence Borg hareg b'din it-talba ghall-hlas f'dan l-istadju, purament bi skop vessatorju, u semplicement biex jirrispondi ghall-fatt li l-esponenti ppresenta avviz quddiem dan l-istess Tribunal fil-konfront tieghu.

Bl-ispejjez."

Ra d-digriet datat 25 ta' Gunju, 2013 fejn il-Gudikatur preċedenti rrikuza ruhhu skond il-Ligi;

Ra illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra:-

i. Illi r-rikorrenti **John Vella** xehed u qal li huwa jaghmel xoghol ta' *panel beater* u *sprayer*. Qal li huwa kien ghamel xoghol ghall-

intimat fuq vettura tat-tip Isuzu BAV-523. Ix-xoghol, kompla jghid ir-rikorrenti, kien jikkonsisti filli qatalu s-sadid fil-kaxxa ta’ din il-vettura u l-ispprajar taghha. L-ammont ghal dan ix-xoghol kien ta’ €250. Din il-vettura ingiebet ghandu mill-intimat fl-24 ta’ Dicembru, 2012.

Fit-12 ta’ Awwissu, 2012, l-intimat kien gablu vettura ohra tal-ghamla Toyota u dan sabiex jaghmillu ukoll xi xogholijiet fuqu. L-ammont miftiehem, skond ir-rikorrenti kien ta’ €700. Qal li x’hin gie biex jarmalu dan it-trukk, l-intimat talbu sabiex jaghmillu d-Denetrol u huwa talbu €50 izjed ghal dan ix-xoghol.

Fil-Milied tas-sena 2012 l-intimat gablu ukoll mera u talbu sabiex jaghmillu xoghol ta’ *spray* fuqha. Ghal dan ix-xoghol huwa zammlu €25.

Ir-rikorrenti qal li kull meta huwa nforma lill-intimat kemm kien ser jigi jiswa x-xoghol, dan qatt ma lmenta u qatt ma qallu sabiex ma jsewwilu xejn.

Ir-rikorrenti kompla qal li fil-Milied tas-sena 2012 huwa beda jaghmel xoghol ta’ brixx ta’ xi hitan fil-proprjeta tieghu. Gara illi kienu marru fuqu l-pulizija u waqqfuh. Meta kien qieghed jitkellem ma’ l-intimat dwar dan, huwa nfurmah li kellu *vacuum* ghal tal-apposta li tigbor it-trabb u fil-fatt hadlu dan il-*vacuum*. Pero l-intimat ma kienx tah il-lead u l-*vacuum* u ghalhekk ma setax juzah. Dawn iz-zewg *items* kellu jehodhom l-intimat ghand ir-rikorrenti meta kellu jmur ghandu biex jurih kif juzahom. Meta l-intimat eventwalment mar ghand ir-rikorrenti biex jurih kif juza l-*vacuum*, kien hemm bniedem barrani mieghu u l-intimat qal lir-rikorrenti sabiex ihalli lil dan il-barrani jaghmel ix-xoghol ta’ brixx. Ir-rikorrenti stqarr li “*... meta kien taghni l-magna tal-brixx bla affarijiet maghha ma stajtx nibqa nistenna izjed u allura kont inkarigajt lil terzi biex jaghmlu x-xogholijiet huma*” (fol. 35). Ir-rikorrenti zied jghid li huwa ma kienx ftiehem ma’ l-intimat ghal hlas ta’ xi kera ghal magna li kien tah l-intimat sabiex tigbor it-trab, u apparti dan, qal ukoll li “*... l-grinder ma stajtx nuzah peress li ma*

*kellux l-lead u l-borza tal-vacuum*” (fol. 35). Sussegwentement u in kontro-ezami, r-rikorrenti qal li “... *hu* [b’referenza ghall-intimat] *kellu jgibli l-mutur u mbaghad jurini kif isir ix-xoghol jew jaghmlu hu jew inkella naghmlu jien u jien naghtih il-kera tal-mutur*” (fol. 36). Pero insista li ftehim dwar il-kirja baqa ma sarx. Mistoqsi jekk kienx hemm xi ftehim fis-sens li huwa kellu jaghtih €100 ghal kull gurnata li l-mutur idum ghandu, r-rikorrenti wiegeb fin-negattiv. Kompla qal li x’hin l-intimat induna li r-rikorrenti kien ghamel ix-xoghol ta’ brixx, dan beda jirrabja u ordna lil dan il-barrani sabiex jghabbi l-*vacuum* u l-*grinder*.

Wara li ra hekk, ir-rikorrenti talab lill-intimat sabiex ihallsu s-somma ta’ €1025 ghax-xogholijiet li huwa kien ghamel fuq il-vetturi tal-intimat. Ikompli jghid ir-rikorrenti, “*l-intimat beda jghajjat u hareg sitt hamsinijat li b’kollox jigu €300 u tefahomli fuq il-bank. Jien ghidtlu sabiex jigbor dawk il-flus ‘l ghaliex jien ridt l-elf hamsa u ghoxrin ewro (€1025). Ghidtlu wkoll li jien kont se nfittxu. L-intimat gabar il-flus, mar ‘l barra minn hwejgi u mar jaghmilli rapport li jien kont ghedditu bil-martell* ” (fol. 35).

In kontro-ezami, r-rikorrenti qabel mal-fatt li, qabel ma l-intimat kien gablu l-vetturi imsemmija minnu fix-xhieda, huwa kien inkarigah sabiex jobbroxxlu l-faccata u l-gallariji. Dan il-ftehim kien sar fl-14 ta’ Gunju, 2011. Qal li “*fil-prezz konna ftehmna wkoll li ma jittiehdux in konsiderazzjoni l-aperturi imma mbaghad meta jigi biex jaghmilli l-gallariji ma jzommliex taghhom*” (fol. 35). Il-prezz pattwit kien ta’ €1,700. Kwazi sena wara li kien sar dan il-ftehim, kompla jghid ir-rikorrenti, l-intimat kien talbu €1,000 sabiex ikun jista jibda x-xogholijiet u fid-9 ta’ April, 2012 hallsu dan l-ammont.

Kompla qal li fiz-zmien meta l-intimat kien qieghed jarma l-i*scaffolding,* hu l-intimat kellu incident bil-*bowser* bil-pjanca ta’ registrazzjoni BAV-523 u r-rikorrenti kien ftiehem ma’ l-intimat li jaghmillu x-xogholijiet ta’ riparazzjoni necessarji fuq dan il-bowser ghal prezz ta’ €200. Dawn ix-xogholijiet kienu saru f’April, 2012.

B’hekk qal ir-rikorrenti mill-€1,700 li kellu jaghtih, diga kien tah €1,200[1].

Ghar-rigward tal-bilanc ta’ €500, r-rikorrenti qal li kien ftiehem mal-intimat li jaghtih dan l-ammont wara li jkunu tpoggew il-galariji u l-intimat ikun kahhalhom, haga li baqa qatt ma ghamel. Ghalhekk, kompla jghid ir-rikorrenti, “... *dawn il-hames mitt ewro (€500) ma ghandiex naghtihomlu*” (fol. 35).

B’referenza ghax-xoghol maghmul mill-intimat fuq il-proprjeta tieghu, r-rikorrenti qal li “*jien m’ghandi l-ebda ilment fuq ix-xogholijiet li saru mill-intimat pero x-xoghol ma tkompliex*” (fol. 35-36).

Qamet ukoll il-kwistjoni ta’ kemm kienu ftehmu ghax-xogholijiet li r-rikorrenti kien ghamel fuq il-vetturi ta’ l-intimat. Dwar dan il-punt, ir-rikorrenti qal li “*jien inzomm rendikont fuq il-karti ta’ dak li nkun ftehmt*” (fol. 36) u “*mhux minnu li kont ftehmt ghal prezzijiet inqas minn dawk li kont semmejt jien fix-xhieda principali tieghi*” (fol. 36).

ii. **Victor Sultana**, impjegat mar-rikorrenti li qal li “*darba fost l-ohrajn kont qieghed fil-garaxx tar-rikorrenti u smajt lill-konvenut u lir-rikorrenti jifthemu li parti mill-prezz li kellu jiehu l-intimat tal-faccata kellhom jinqatghu mill-flus li huwa kellu jaghti lir-rikorrenti ghal xogholijiet li hu kien ghamel fuq il-vetturi tieghu*” (fol. 37).

Ghar-rigward tax-xogholijiet li jaghmel ir-rikorrenti fuq il-vetturi in generali, x-xhud qal li “... *naf li r-rikorrenti dejjem jaghti stima minn qabel ghax-xogholijiet li se jaghmel*” (fol. 37).

B’referenza ghall-magna li l-intimat kien ghadda lir-rikorrenti, x-xhud qal li “... *jien niftakru dan il-mutur ghand ir-rikorrenti. Jien dan il-mutur ma rajtux jintuza*” (fol. 38).

[1] €1,000 fi flus kontanti u €200 f’xogholijiet fuq il-boweser bil-pjanca ta’ registrazzjoni BAV-523.

iii. **L-intimat** xehed u qal li xogholu principali huwa li jgorr l-ilma bil-*bowser* u jaghmel ukoll xi xoghol ta' kostruzzjoni. Huwa qal li kien ha zewg vetturi ghandu. Wahda tat-tip Isuzu, li tintuza bhala bowser u ohra tat-tip Toyota Dyna. Qal ukoll li ghar-rigward tat-Toyota, r-rikorrenti kellhu jirrangalu l-gabina u ghal dan ix-xoghol kienu ftehmu l-prezz ta' €550, mentri ghar-rigward tal-bowser tat-tip Isuzu huma kienu ftehmu l-ammont ta' €220.

Kompla jghid li r-rikorrenti kien qabbdu jaghmel xi xogholijiet fil-faccata tal-flat tieghu. Qal li dan ix-xoghol kien sar qabel ma huwa kien ha l-vetturi tieghu ghand ir-rikorrenti. Ta' dan ix-xoghol, kompla jghid l-intimat, r-rikorrenti kien hallsu b'cekk li kien mahrug fuq isem haddiehor u bi flus kontanti. Qal li apparti dawn, ir-rikorrenti ma tah l-ebda hlas u li kien ghalhekk li huwa talbu sabiex ihallsu ghax-xoghol li kien ghamillu fil-faccata tal-flat tieghu. Wara li kien hadlu l-vetturi, l-partijiet, kompla jghid l-intimat, kienu ftehmu li "... *dak li kellu jaghtini kellu jaqtaghhom minn dak li kellu jaghtini*" (fol. 42).

L-intimat zied ighid li huwa kien ta' magna lir-rikorrenti "... *li tikkonsisti f'parti li tixkatla l-hajt u magna biex tigbed l-abra tat-trab*" (fol. 42). Din il-magna, qal l-intimat, damet madwar gimgha ghand ir-rikorrenti u taha huwa jitlob mitt euro (€100) kuljum. Qabel ukoll li huwa kellhu jaghti l-ammont ta' €50 lir-rikorrenti ghad-Denetrol li dan ta' l-ahhar kien ghamel fuq il-vettura tieghu tat-tip Toyota Dyna.

In kontro-ezami, l-intimat qal li huwa kien ha mera ghand ir-rikorrenti sabiex dan jaghmel xoghol ta' *spray* u li kien hallsu ta' dan ix-xoghol. Mistoqsi jekk huwa kellhux ricevuta ghal dan il-hlas, l-intimat wiegeb u qal li "... *mela hu ghadt* [recte: qatt] *taghni ircevuta lili*" (fol. 42). Mistoqsi jekk huwa qattx inghata ricevuta tul is-sitt snin li huwa kien ilu jahdem mar-rikorrenti, l-intimat wiegeb fin-negattiv. Qal li "... *dejjem hallast cash u kellna l-kelma tal-irgulija*" (fol. 42) u "*lanqas qatt ma nghatajt karta fejn ikun hemm il-kelma paid fuqha*" (fol. 42-43).

Stqarr ukoll li huwa kellhu jaghti lir-rikorrenti s-somma ta' €820 u dan inkwantu ghal €550 tal-gabina tat-Toyota, €50 tad-Denetrol u €220 ghal qiegh tal-kaxxa tat-trukk Isuzu Bowser.

Mistoqsi ghar-rigward tal-qiegh tal-gallariji huwa qal li qatt ma kien hemm ftehim f'dan ir-rigward mar-rikorrenti. Dak ix-xoghol, zied ighid l-intimat kellhu jaghmlu minn qieghed il-ballvostri fil-gallarija u mhux hu.

L-intimat irrefera ghall-hlasijiet li hemm indikati a fol. 25 tal-process u qal li dawn kienu l-hlasijiet li kien ghad fadallu jaghtih ir-rikorrenti. A fol. 26 tal-process imbaghad hemm il-hlasijiet li kien tah l-istess rikorrenti.

Mistoqsi dwar il-mutur li huwa kien ghadda lir-rikorrenti, l-intimat qal li "*il-mutur li tajtu jiena lir-rikorrenti kien jahdem b'kollox. Ma kien hemm xejn nieqes minnu*" (fol. 43). Meta huwa mar biex jigbor il-mutur minghand ir-rikorrenti flimkien ma' Isaac Kwame[2], huwa seta jara li dan il-mutur kien mahmug u ghalhekk wasal ghal konkluzzjoni li r-rikorrenti kien uzah.

Mistoqsi jekk ir-raguni l-ghala huwa kien mar ghand ir-rikorrenti kienitx biex ihallas, huwa wiegeb fin-negattiv u qal li kien mar biex jigbor il-mutur. Qal pero li mieghu kellhu l-*pouch* tal-flus. Ghar-rigward ta' l-episodju li jsemmi r-rikorrenti u cioe meta huwa kien offrielu li jhallsu €300 f'hamsinijat, l-intimat jistqarr li huwa kien ghadda din is-somma lir-rikorrenti. Dak-in-nhar ukoll, huwa kien kellem lill-pulizija.

iv. It-Tribunal ra ukoll l-affidavit tas-Surgent tal-Pulizija PS 1233 J. Attard li rraporta dak li qalulu r-rikorrenti, l-intimat u Isaac Kwame dak in-nhar li sehh l-incident li jissemma f'dawn il-proceduri.

v. **Saviour Bonello,** surveyor, xehed u qal li l-istima li hemm a fol. 25 tal-process kien ghamilha hu u kienet tirrigwarda xoghol li kellu jsir fuq proprjeta tar-rikorrenti, liema proprjeta tidher fir-ritratt li

[2] Ara affidavit ta' PS 1233 J. Attard a fol. 40

hemm esebit a fol. 32 tal-process. Qal li huwa ma kienx mar fuq il-post wara li saru x-xogholijiet u allura ma setax jikkonferma jekk ix-xoghol indikat f'dik l-istima effettivament sarx. Fl-istima ma hemmx tikhil ta' ballavostri jew kisi ta' ballavostri ghax kieku kienu jissemmew. Kien hemm pero msemmi kisi ta' gallariji bil-GR1000. Il-kejl sar mit-tieni sular il-fuq u dan peress li l-parti ta' isfel diga kienet lesta. Ghar-rigward tal-kejl, l-aperturi ma tnqqsux.

vi. **Anthony Spiteri** qal li huwa kien ghamel xoghol ta' gallariji ghar-rikorrenti. Biex qieghed dawn il-gallariji, kompla jghid ix-xhud, huwa mar f'zewg okkazzjonijiet. L-ewwel darba kienet meta mar biex iqieghed l-istess bil-*crane* u fit-tieni okkazzjoni li mar sab lil intimat hemmhekk. F'din it-tieni okkazzjoni li kien mar, ix-xhud qal li l-intimat kien qallu li huwa ma setax iqieghed il-gallariji ghax kien qieghed jahdem hu. Fil-fatt, kompla jghid ix-xhud, huwa qieghed il-gallariji wara li kien lesta l-intimat. Ix-xhud zied ighid li kulma ried jaghmel l-intimat, wara li huwa kien qieghed dawn il-gallariji kien li jkahhalhom. Huwa qal ukoll li kien sema lir-rikorrenti jghid lill-intimat sabiex ikahhal dawn il-gallariji u l-intimat wiegbu u qallu li kien ser jaghmilhomlu wara li kien jehles tal-gallariji. Mistoqsi in kontro-ezami jekk huwa kienx ra l-istima li hemm esebita f'dawn il-proceduri, x-xhud wiegeb fin-negattiv.

Ikkunsidra;

1. Ir-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin euro [€1,025] rappresentanti hlas dovut ghal xoghol ta' tiswija u spraying ta' diversi vetturi f'diversi okkazzjonijiet. L-intimat laqa' ghal din l-akkuza billi qal li huwa ma ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti, stante illi kull hlas li kien dovut thallas. Qal ukoll li r-rikorrenti qed jivvinta kontijiet inezistenti biex jivvessah u li mhux talli ma ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti talli ghandu jiehu hu minghandu. Kien ghalhekk li l-intimat ressaq kontro-talba kontra r-rikorrenti.

2. Permezz tal-kontro-talba tieghu, l-intimat talba lit-Tribunal jikkundanna lir-rikorrenti sabiex ihallsu s-somma ta' tlett mitt euro (€300) kera ta' apparat tal-brixx u vacum. Ir-rikorrenti wiegeb ghal din it-talba billi qal li

f'dan il-kaz ma jezistux l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex setghet issir kontro-talba u ghalhekk il-procedura adottata mill-intimat hija rritwali. Dana bil-konsegwenza li hija ma tistax tigi kkunsidrata mit-Tribunal. Fil-mertu qal li huwa ma kera l-ebda apparat ta' brix minghand l-intimat u li konsegwentement it-talbiet rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt. Ghalaq id-difiza tieghu bili qal li huwa evidenti li l-intimat hareg b'din it-talba ghall-hlas f'dan l-istadju, purament bi skop vessatorju, u semplicement biex jirrispondi ghall-fatt li huwa ppresenta t-Talba odjerna.

Ikkunsidra;

3. L-intimat fid-deposizzjoni minnu moghtija fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2013 qal hekk: "*Jiena nikkonferma li naqbel illi lir-rikorrenti ghandi naghtih €550 tal-gabbina tat-Toyota Dyna u €50 tad-dinitrol. €600 ta' kollox. Naqbel ukoll li ghandi naghtih ukoll is-somma ta' €220 lir-rikorrenti tal-qiegh tal-kaxxa tat-trakk tal-Isuzu Bowzer. B'kollox ghalhekk ghandi naghtih €820*" (fol. 43).

4. Ir-rikorrenti ovvjament ma qabilx ma dawn il-figuri indikati mill-intimat. Qal li ghar-rigward tax-xoghol li huwa ghamel fuq it-Toyota Dyna kien talab lill-intimat il-hlas tas-somma ta' €750 f'liema ammont hemm inkluz ukoll id-dinitrol, mentri ghar-rigward tax-xoghol li ghamel fuq il-bowser tal-intimat kien qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' €250. Talab ukoll l-ammont ta' €25 ghax-xoghol ta' spray li huwa ghamel fuq mera li kien gablu l-istess intimat. B'kollox €1025.

5. Ir-rikorrenti ressaq bhala xhud lil Victor Sultana, adett mieghu, li qal li huwa jaf li r-rikorrenti dejjem jaghti stima minn qabel ghax-xogholijiet li jaghmel. Ma qalx pero jekk din l-istima tkunx wahda verbali jew bil-miktub. Fi kwalunkwe kaz, ma tresqet l-ebda prova ta' stima maghmula mir-rikorrenti a tempo debito lill-intimat tax-xogholijiet mitlubin mill-istess intimat. Ghalhekk kull ma hemm f'dawn il-proceduri huma l-verzjonijiet konflingenti tal-partijiet ghar-rigward tal-prezzijiet miftehma. Lanqas ma jista t-Tribunal jipprova jislet mill-provi prodotti liema hija l-verita miz-zewg verzjonijiet moghtija mill-partijiet. Jirrizulta ukoll li l-intimat kien ghamel xoghol ta' tkahhil fuq il-faccata ta' xi proprjeta tar-

rikorrenti. Ghal dan ix-xoghol huwa talbu l-ammont ta' elf u seba' mitt euro (€1,700) li minnhom thallsu elf u mitejn euro (€1,200). B'hekk skond l-intimat, ir-rikorrenti fadallu jhallsu s-somma ta' €500.

6. Ir-rikorrenti baqa ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' dak li qal hu dwar il-prezzijiet miftehma mal-intimat u ghalhekk, f'dan l-istat ta' dubbju, t-Tribunal qed isib li huwa ma ressaqx l-ahjar prova quddiemu sabiex ikun jista jikkonvincieh li l-ammonti msemmija minnu huma dawk li rejalment gew mifthema bejn il-partijiet. Madanakollu, l-intimat jammetti li huwa ghandu jaghti lir-rikorrenti s-somma ta' €820 li flimkien ma €25 tal-mera li kien ghamel xi xoghol fuqha ir-rikorrenti jigu l-ammont ta' tmien mija hamsa u erbghin euro (€845). Dan huwa l-ammont li t-Tribunal sejjer jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti.

7. Nghaddu issa biex nikkunsidraw il-kontro-talba tal-intimat. L-ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti hija fis-sens li f'dan il-kaz ma jezistux l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex setghet issir kontro-talba u ghalhekk il-procedura adottata mill-intimat hija f'dan il-kaz irritwali. Dana bil-konsegwenza li hija ma tistax tigi kkunsidrata minn dan it-Tribunal. Insibu fl-artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li "*Fil-kawzi, l-konvenut jista jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jinghad hawn taht: (a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba tal-attur; jew (b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha*". Illi dak li qieghed jipprova jaghmel l-intimat f'dawn il-proceduri huwa li jpaci parti mill-kreditu dovut minnu lir-rikorrenti. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti qeghda tigi michuda.

8. Ghar-rigward tal-mertu jinghad li l-intimat qieghed jitlob, <u>f'dawn il-proceduri odjerni</u>, l-ammont ta' tlett mitt euro (€300) kera ta' apparat tal-brixx u *vacuum*. F'dawn il-proceduri pero, l-intimat ressaq ukoll provi ghar-rigward ta' negozju iehor li kien ghamel mar-rikorrenti u li ma jissemmiex fil-kontro-talba tieghu. Dan huwa x-xoghol li huwa kien ghamel fl-appartamenti tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti da parti tieghu jichad li

kien hemm xi ftehim li permezz tieghu kien qabel li huwa jhallas xi kera ghall-magna li l-intimat kien tah. L-istess rikorrenti kompla jghid li huwa ma setax juza dan l-apparat peress li l-intimat kien halla xi affarijiet neqsin minnu. L-intimat cahad dan il-fatt. L-intimat jghid li huwa jitlob l-ammont ta’ €100 kuljum ghal din il-magna li huwa halla ghand ir-rikorrenti, u li din il-magna damet ghand ir-rikorrenti madwar gimgha. F’dawn il-proceduri pero l-intimat qieghed jitlob il-hlas ta’ l-ammont ta’ tlett mitt euro (€300) u mhux seba’ mitt euro (€700) galadarba huwa maghruf li gimgha fiha sebat’ ijiem. L-intimat sostna ukoll li din il-magna kienet nadifa meta huwa kien taha lir-rikorrenti u li meta huwa hadha lura din kienet mahmuga. Ghalhekk sostna li din il-magna intuzat u dan kuntrarju ghal dak li qal ir-rikorrenti. F’dan il-kaz ukoll ghadna l-kelma ta’ wiehed kontra l-iehor ghar-rigward tal-ftehim tal-kiri ta’ din il-magna u fin-nuqqas ta’ provi konvincenti f’dan ir-rigward, it-Tribunal ma jsibx li l-intimat irnexxielu jsostni t-tezi tieghu u konsegwentement ma jistax jilqa l-kontro-talba.  Ghar-rigward tal-kwistjonijiet l-ohra tat-tikhil ta’ gallariji u faccata ta’ l-appartament tar-rikorrenti, ma huwiex il-kaz li t-Tribunal jidhol fihom f’din is-sentenza l-ghaliex fil-fehma tieghu dawn qatt ma kellhom ikunu parti minn dawn il-proceduri ghax l-intimat kull ma semma fil-kontro-talba tieghu kien l-uzu tal-magna tal-brixx u l-kera taghha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi l-kawza principali billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat inkwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz u filwaqt li qieghed jilqa in parte t-talba tar-rikorrenti, qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta’ tmien mija u hamsa u erbghin euro (€845) bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibda jidekorri mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

Ghar-rigward tal-kontro-talba, filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti, jilqa l-kumplament ta’ l-eccezzjonijiet u konsegwentement jichad l-istess kontro-talba ta’ l-intimat.

L-ispejjez kollha, kemm dawk relatati mat-Talba principali u mal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------